**UNJONI EWROPEA**

**IL-PARLAMENT EWROPEW** | **IL-KUNSILL**

**Brussell, 28 ta' Mejju 2024**
**(OR. en)**

**2021/0420(COD)**

**PE-CONS 56/24**
**ADD 29**

**TRANS 121**
**CODEC 632**

**ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

| | |
|---|---|
| Suġġett: | REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-network trans-Ewropew tat-trasport, li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1153 u r-Regolament (UE) Nru 913/2010 u li jħassar ir-Regolament (UE) 1315/2013 |

**ANNESS V**

***LINJI GWIDA* GĦALL-IPPJANAR**

**TAL-MOBBILTÀ URBANA SOSTENIBBLI GĦAN-NODI URBANI**

Dan l-Anness jistipula l-linji gwida għal nodi urbani għall-iżvilupp ta' Pjanijiet ta' Mobbiltà Urbana Sostenibbli.

1. Għanijiet u objettivi: jenħtieġ li pjan ta' mobbiltà urbana sostenibbli (SUMP) ikollu bħala l-għan ċentrali tiegħu t-titjib fiż- żona urbana funzjonali l-aċċessibbiltà għall-utenti kollha, fosthom persuni b'diżabbiltà jew b'mobbiltà mnaqqsa, u l-forniment ta' mobbiltà b'emissjonijiet baxxi ta' kwalità għolja, sikura u sostenibbli, fiż-żona urbana funzjonali u li tgħaddi minnha, filwaqt li jitqies ir-rwol li t-trasport pubbliku l-mobbiltà attiva jistgħu jaqdu għal dan il-għan. B'mod partikolari, jenħtieġ li jappoġġa l-mobbiltà b'emissjonijiet żero u baxxi u l-implimentazzjoni ta' sistema tat-trasport urban li tikkontribwixxi għal prestazzjoni ġenerali aħjar tan-network trans-Ewropew tat-trasport, b'mod partikolari permezz tal-iżvilupp ta' infrastruttura għaċ-ċirkolazzjoni bla xkiel ta' vetturi b'emissjonijiet żero u baxxi, u ta' ċentri multimodali tal-passiġġieri biex jiġu ffaċilitati l-konnessjonijiet tal-ewwel u tal-aħħar mil, kif ukoll ta' terminals multimodali tal-merkanzija li jservu lil nodi urbani.

2. Viżjoni fit-tul u pjan ta' implimentazzjoni f'terminu ta' żmien qasir: jenħtieġ li l-SUMP jinkludi strateġija fit-tul għall-iżvilupp futur tal-infrastruttura tat-trasport u tas-servizzi multimodali, jew ikun marbut ma' strateġija eżistenti. Jenħtieġ li jinkludi wkoll pjan ta' twettiq għall-implimentazzjoni tal-istrateġija fuq perjodu ta' żmien qasir. Jenħtieġ li jkun inkorporat f'approċċ integrat għall-iżvilupp sostenibbli taż-żona urbana u marbut mal-ippjanar tal-użu tal-art u mal-ġestjoni tat-territorju rilevanti. Jenħtieġ li kemm il-viżjoni fit-tul kif ukoll il-pjan ta' implimentazzjoni fuq terminu qasir jiġu indirizzati wkoll f'termini finanzjarji direttament fl-SUMP jew, alternattivament, b'referenza għal ippjanar eżistenti ieħor ta' livell ogħla jew relatat, mingħajr l-antiċipazzjoni ta' impenji finanzjarji.

3. Integrazzjoni tal-modi differenti ta' trasport: Jenħtieġ li l-SUMP jippromwovi t-trasport multimodali permezz tal-integrazzjoni tal-modi differenti u tal-miżuri mmirati lejn l-iffaċilitar tal-mobbiltà aċċessibbli, bla xkiel u sostenibbli. Jenħtieġ li jinkludi azzjonijiet biex jiżdied is-sehem modali tal-forom aktar sostenibbli tat-trasport bħat-trasport pubbliku, il-mobbiltà kondiviża, il-mobbiltà attiva, u, skont il-każ, it-trasport fuq l-ilmijiet interni u t-trasport marittimu. Jenħtieġ li jinkludi wkoll azzjonijiet li jippromwovu mobbiltà b'emissjonijiet żero u baxxi, b'mod partikolari fir-rigward tal-ekoloġizzazzjoni tal-flotta urbana, biex tittejjeb l-aċċessibbiltà għall-utenti kollha u titnaqqas il-konġestjoni, kif ukoll biex tittejjeb is-sikurezza fit-toroq skont l-istandards tal-Unjoni tas-sikurezza fit-toroq, b'mod partikolari għal utenti vulnerabbli tat-triq inkluż, fejn rilevanti, utenti tal-modi attivi.

4. Funzjonament effettiv tan-network trans-Ewropew tat-trasport: jenħtieġ li l-SUMP iqis kif xieraq l-impatt ta' diversi miżuri urbani fuq il-flussi tat-traffiku, kemm tal-passiġġieri kif ukoll tal-merkanzija, fuq in-network trans-Ewropew tat-trasport, bil-għan li jiżgura tranżitu, bypasses jew interkonnessjonijiet bla xkiel minn u madwar in-nodi urbani, inkluż ta' vetturi b'emissjonijiet żero u baxxi. B'mod partikolari, jenħtieġ li jinkludi azzjonijiet biex tittaffa l-konġestjoni, tittejjeb is-sikurezza fit-toroq u jitneħħew il-konġestjonijiet li jaffettwaw il-flussi tat-traffiku fuq in-network trans-Ewropew tat-trasport.

5. Approċċ parteċipatorju: jenħtieġ li l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-SUMP ikunu bbażati fuq approċċ integrat b'livell għoli ta' kooperazzjoni, koordinazzjoni u konsultazzjoni fil-livelli differenti tal-gvern u l-awtoritajiet rilevanti. Jenħtieġ li jkunu involuti wkoll iċ-ċittadini, ir-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili, u l-atturi ekonomiċi.

6. Monitoraġġ u indikaturi tal-prestazzjoni: jenħtieġ li l-SUMP jinkludi objettivi, miri u indikaturi li jirfdu l-prestazzjoni attwali u futura tas-sistema tat-trasport urban. Jenħtieġ li l-implimentazzjoni tiegħu tiġi mmonitorjata bl-użu ta' indikaturi tal-prestazzjoni.

## ANNESS VI

## EMENDI GĦAR-REGOLAMENT (UE) 2021/1153

Il-Parti III tal-Anness tar-Regolament (UE) Nru 2021/1153 hija emendata kif ġej:

(1) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"KONNESSJONIJIET TRANSFRUNTIERI U NEQSIN";

(2) il-punt 1 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Listi indikattivi ta' konnessjonijiet transfruntieri u ta' konnessjonijiet neqsin identifikati minn qabel";

(b) l-ewwel ringiela bit-titlu "Kuritur tan-network ewlieni 'Atlantiku'" u t-tieni ringiela li fiha l-allinjament tiegħu jitħassru;

(c) il-ħames ringiela bit-titlu "Kuritur tan-network ewlieni 'Baltiku – Adrijatiku'" u s-sitt ringiela li fiha l-allinjament tiegħu jitħassru;

(d) id-disa' ringiela bit-titlu "Kuritur tan-network ewlieni 'Mediterran'" u l-għaxar ringiela li fiha l-allinjament tiegħu jitħassru;

(e) it-tlettax-il ringiela bit-titlu "Kuritur tan-network ewlieni 'Baħar tat-Tramuntana – Baltiku'" u l-erbatax-il ringiela li fiha l-allinjament tiegħu jitħassru;

(f) is-sbatax il ringiela bit-titlu "Kuritur tan-network ewlieni 'Baħar tat-Tramuntana – Mediterran'" u t-tmintax-il ringiela li fiha l-allinjament tiegħu jitħassru;

(g) il-wieħed u għoxrin ringiela bit-titlu "Kuritur tan-network ewlieni 'Orjent/Lvant tal-Mediterran'" u t-tnejn u għoxrin ringiela li fiha l-allinjament tiegħu jitħassru;

(h) il-ħamsa u għoxrin ringiela bit-titlu "Kuritur tan-network ewlieni 'Renu – Alpi'" u s-sitta u għoxrin ringiela li fiha l-allinjament tiegħu jitħassru;

(i) it-tletin ringiela bit-titlu "Kuritur tan-network ewlieni 'Renu – Danubju'" u l-wieħed u tletin ringiela li fiha l-allinjament tiegħu jitħassru;

(j) il-ħamsa u tletin ringiela bit-titlu "Kuritur tan-network ewlieni 'Skandinavu – Mediterran'" u s-sitta u tletin ringiela li fiha l-allinjament tiegħu jitħassru.

**ANNESS VII**

**TABELLA TA' KORRELAZZJONI**

| Ir-Regolament (UE) 1315/2013 | Dan ir-Regolament |
|---|---|
| Artikolu 1 | Artikolu 1 |
| Artikolu 2 | Artikolu 2 |
| Artikolu 3 | Artikolu 3 |
| Artikolu 4 | Artikolu 4 |
| Artikolu 5 | Artikolu 5(1) u (2) |
| Artikolu 6 | Artikolu 6 |
| Artikolu 7 | Artikolu 8 |
| Artikolu 8 | Artikolu 9 |
| Artikolu 9(1) | Artikolu 10(1) |
| Artikolu 9(2) | Artikolu 6(1) u Artikolu 10(4) |
| – | Artikolu 11(2) u (3) |
| Artikolu 10 | Artikolu 12 |
| | Artikolu 13 |
| Artikolu 11 | Artikolu 14 |
| Artikolu 12(1) | Artikolu 38(1)(a) |
| Artikolu 12(2)(a) | Artikolu 18(1)(a) |
| Artikolu 12(2)(b) u (c) | Artikolu 15(1) |
| Artikolu 12(2)(d) | Artikolu 15(2)(a) |
| – | Artikolu 15(2)(b) u (c) |
| – | Artikolu 15(3) sa (6) |
| Artikolu 12(2)(e) | – |
| Artikolu 12(3) | Artikolu 15(7) u Artikolu 18(8) |
| – | Artikolu 19 |
| Artikolu 13 | Artikolu 20 |
| Artikolu 14(1) | Artikolu 21(1) |
| Artikolu 14(2) | Artikolu 21(3) |
| Artikolu 14(3) | Artikolu 21(2) |

| Ir-Regolament (UE) 1315/2013 | Dan ir-Regolament |
|---|---|
| Artikolu 15(1) | Artikolu 22(1)(a) |
| Artikolu 15(2) | Artikolu 22(1)(b) |
| – | Artikolu 22(1)(c) |
| – | Artikolu 22(2) |
| – | Artikolu 23(1) |
| Artikolu 15(3)(a) | Artikolu 23(3) u (4) |
| Artikolu 15(3)(b) | Artikolu 23(2) |
| Artikolu 15(3)(c) | Artikolu 23(3), l-ewwel paragrafu, punt (d) |
| – | Artikolu 23(5) u (6) |
| Artikolu 16 | Artikolu 24 |
| Artikolu 17(1) | Artikolu 29(1) |
| Artikolu 17(2) | Artikolu 29(2) |
| Artikolu 17(3) | Artikolu 30(2)(a) |
| – | Artikolu 30(2)(b) u (c) |
| – | Artikolu 30(3) u (4) |
| Artikolu 17(4) | Artikolu 29(3) |
| Artikolu 18 | Artikolu 30(1) |
| Artikolu 19 | Artikolu 32 |
| Artikolu 20(1) | Artikolu 25(3) |
| Artikolu 20(2) | Artikolu 25(4) |
| Artikolu 20(3) | Artikolu 25(3) |
| Artikolu 21 | Artikolu 25(1) u (2) |
| Artikolu 22 | Artikolu 26 |
| Artikolu 23 | Artikolu 28 |
| Artikolu 24(1) | Artikolu 33(1) |
| Artikolu 24(2) | Artikolu 33(2) |
| Artikolu 25 | Artikolu 34 |
| Artikolu 26 | Artikolu 35 |
| – | Artikolu 36(1) sa (4) |
| Artikolu 27 | Artikolu 36(5) |

| Ir-Regolament (UE) 1315/2013 | Dan ir-Regolament |
|---|---|
| – | Artikolu 37 |
| Artikolu 28 | Artikolu 38 |
| Artikolu 29 | Artikolu 39 |
| – | Artikolu 40 |
| Artikolu 30 | Artikolu 41 |
| – | Artikolu 42 |
| Artikolu 31 | Artikolu 43 |
| Artikolu 32 | Artikolu 44 |
| Artikolu 33 | Artikolu 45 |
| Artikolu 34 | Artikolu 4(d) |
| Artikolu 35 | Artikolu 46 |
| – | Artikolu 47 |
| – | Artikolu 48 |
| – | Artikolu 49 |
| Artikolu 36 | Artikolu 5(3) |
| Artikolu 37 | Artikolu 50 |
| Artikolu 38(1) | Artikolu 6(3) u Artikolu 10(2) |
| Artikolu 38(2) | – |
| Artikolu 38(3) | Artikolu 6(1), Artikolu 10(4) u Artikolu 63(1) |
| Artikolu 39(1) | Artikolu 5 |
| Artikolu 39(2)(a), punti (i) u (ii) | Artikolu 16 |
| Artikolu 39(2)(a), punt (iii) | Artikolu 18 |
| Artikolu 39(2)(a), punt (iv) | Artikolu 17 |
| Artikolu 39(2)(b) | Artikolu 23(1) u Artikolu 27(1) |
| Artikolu 39(2)(c) | Artikolu 31 |
| Artikolu 39(2)(d) | Artikolu 34(1)(f) |
| Artikolu 39(3) | Artikolu 16(11), Artikolu 18(8) u Artikolu 31(6) |
| Artikolu 40 | – |
| Artikolu 41(1) | Artikolu 10(3) |
| Artikolu 41(2) | Artikolu 27(2) |
| – | Artikolu 27(3) |

| Ir-Regolament (UE) 1315/2013 | Dan ir-Regolament |
|---|---|
| Artikolu 41(3) | Artikolu 34(1) |
| Artikolu 42 | Artikolu 51 |
| Artikolu 43 | Artikolu 7 |
| Artikolu 44 | Artikolu 11(1) |
| – | Artikolu 11(2) u (3) |
| Artikolu 45(1) sa (5) | Artikolu 52(1) sa (5) |
| – | Artikolu 52(7) u (8) |
| Artikolu 45(6) | Artikolu 53(7) |
| Artikolu 45(7) | Artikolu 53(6) |
| Artikolu 45(8) | Artikolu 52(9) |
| Artikolu 45(9) | Artikolu 52(10) |
| Artikolu 46(1) | Artikolu 53(1) |
| – | Artikolu 53(3) |
| Artikolu 46(2) | Artikolu 53(4) |
| – | Artikolu 53(5) |
| Artikolu 47(1) | Artikolu 54 |
| – | Artikolu 55(1) |
| Artikolu 47(2) | Artikolu 55(2) |
| – | Artikolu 55(3) u (4) |
| Artikolu 47(3) | Artikolu 54(4) |
| Artikolu 48 | Artikolu 52(6) |
| – | Artikolu 56 |
| Artikolu 49(1) | Artikolu 57 |
| – | Artikolu 60(1) |
| Artikolu 49(2) | Artikolu 60(2) |
| Artikolu 49(3) | – |
| Artikolu 49(4) | Artikolu 58(1), (2) u (3) |
| Artikolu 49(5) | Artikolu 58(4) |
| Artikolu 49(6) | Artikolu 58(5) |
| Artikolu 50 | Artikolu 59 |
| Artikolu 51 | Artikolu 8(8) |

| Ir-Regolament (UE) 1315/2013 | Dan ir-Regolament |
|---|---|
| Artikolu 52 | Artikolu 61 |
| Artikolu 53 | Artikolu 62 |
| Artikolu 54 | Artikolu 63 |
| Artikolu 55 | Artikolu 8(6) |
| Artikolu 56 | Artikolu 64 |
| Artikolu 57 | Artikolu 65 |
| – | Artikolu 66 |
| – | Artikolu 67 |
| Artikolu 58 | Artikolu 10(2) u Artikolu 68 |
| Artikolu 59 | Artikolu 68 |
| Artikolu 60 | Artikolu 69 |
| Anness I | Anness I |
| Anness II | Anness II |
| – | Anness III |
| Anness III | Anness IV |
| – | Anness V |
| | Anness VI |